MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2012

Appell Kriminali Numru. 130/2012

Appell Nru: 130/2012
Il-Pulizija
Vs
Daren Brincat

Illum 6 ta' Dicembru, 2012

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Daren Brincat, [detentur tal-karta tal-identita` numru 554674M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Dicembru, 2011 ghall-habta ta' 00.45am u fil-hinijiet ta' qabel gewwa Hal Qormi:

1) B'diversi atti maghmulin minnhu ukoll jekk fi zminijiet differenti ikunu jiksru dispozizzjoniji tal-ligi u jkunu gew maghmulin b'rizoluzjoni wahda cioe talli ghamel uzu ta' xi sistema jew apparat tat-telekomunikazzjoni provdut minn provditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ma jkunx dak li gie provdut ghalih

2) Naqas li josserva l-istruzzjonijiet li nhargu mill-provditur awtorizzat ghal uzu sew tas-sistema ta' telekomunikazzjoni jew ghamel uzu mhux xieraq bih.

3) Ingurja u hedded lil Joseph Taliana mhux imsemmi banda ohra f'dan il-kodici u hekk kien provokat hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.
4) U aktar talli ghamel uzu jew ipprova jghamel uzu jew kollu kontroll ta' vettura LCH735 fit-Triq jew post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew droga.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Marzu, 2012 fejn wara li rat l-artikoli 17, 18, 339(1)(e) tal-Kap 9, l-artikolu 45(d) tal-Kap 399 u l-artikolu 15A tal-Kap 65. Sabet illi l-imputazzjonijiet (1), (2) u (4) jirrizultaw filwaqt li (3) tirrizulta fuq ammissjoni: tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ikkunannat lil imputat Daren Brincat ghall-piena komplessiva ta' hames (5) xhur prigunerija u trodna li din is-sentenza in kwantu ghall-piena ta' prigunerija ma ghandiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta' sentejn minn dakinhar tas-sentenza l-imputat Daren Brincat jikkommetit reat iehor punibbli bi prigunerija.
Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 15H(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta, skwalifikat lill-imputat Daren Brincat milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur minn dakinhar tas-sentenza.

Il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligjijeit ta' Malta, rabtet lill-imputat Darren Brincat b'obbligazzjoni personali ta' hames mitt Ewro (€500,00) li jzomm il-kwiet ma Joseph Taliana ghal zmien sena minn dakinhar tas-sentenza.
Finalment il-Qorti tat lill-imputat Daren Brincat l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Daren Brincat pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-16 ta' Marzu, 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha fejn sabet lil appellant hati tar-raba akkuza dedotta kontra tieghu, tirriformaha fil-parti tal-piena u dana billi tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-fatti speci tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ili l-aggravji tal-appellant u jikkonsistu fis-segwenti:
L-appellant jissotometti illi dan l-appell se jkun limitat biss ghal dik illi hija piena u senjatament ghal fatt illi giet imposta fuqu terminu ta’ prigunerija ta’ habs sospiz, meta setghet facilment tigi mposta multa u garanzija ai termini ta’ l-Artikolu 383 tal-Kap 9. F’ dan ir-rigward huwa jirrileva illi, bir-rispett kollu, huwa jhoss illi din il-piena mposta fuqu, hux ekwa u gusta, considerando l-fatti speci kollha tal-kaz.
1. Fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi stante illi huwa persuna ta’ kondott netta, illi qatt ma kellu kwistjonijiet simili, l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha timponi biss garanzija taht penali (ai termini ta’ l-artikolu 383 tal-Kap 9) a rigward tat-tielet akkuza, u multa komplessiva a rigward tas-sejbien ta’ htija in kwantu ghal l-ewwel, it-tieni u r-raba akua u cioe dik illi huwa saq taht l-effett tax-xorb.
F’ dan il-kaz, il-Qorti ma kienet bl-ebda mod legalment preklusa milli taghmel dan u cioe illi timponi multa komplessiva u garanzija, kif spjegat aktar il-fuq.
2. Jigi ulterjorment rilevat illi l-appellant huwa warden u piena ta’ din ix-xorta tista tkun ta’ problema enormi ghalih, li jkollha riperkussjonijiet serji fuq l-impjieg tieghu.
3. Illi in ogni caso, l-kaz ma kienx ta’ portata serja, u filfatt kien hemm biss kliem ta’ theddid fil-konfornt tal-parte civile Joseph Taliana, u ghalhekk gia la darba ma kienx hemm kuntatti fiziku bejn il-partijiet wiehed ma jifhimx ghalfejn giet impost termini ta’ prigunerija ta’ habs sospiz ;
4. Illi l-prassi tal-Qrati taghna, f’kazijiet simili hu illi ma timponix piena ta’ prigunerija u dan meta tista’ timponi multa ;
Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-prova illi matul l-ahhar tas-sena tal-elfejn u hdax (2011) l-appellant temm ir-relazzjoni tieghu ma’ certu Carol Taliana liema relazzjoni kienet ilha ghaddejja ghal diversi snin. L-affarijiet ma kinux sejrin sew anke mal-familja taghha wara li ntemmet din ir-relazzjoni, u gie

allegat illi l-appellant ghamel telefonata lil ħu l-ex tfajla tieghu, Joseph Taliana, fejn uza l-mezzi telefonici sabiex jhedded u jinsulenta lill-istess Taliana.

Joseph Taliana xehed quddiem din il-Qorti u qal illi huwa rcieva telefonata fuq il-mobile minghand l-appellant b'hafna theddid u insulenzi tant illi cempel lill-pulizija li qalulu biex jaghmel rapport l-ghassa. Huwa u sejjer l-ghassa ltaqa' mal-appellant u anke hawnhekk kompla l-ghajjat u l-insulenzi. Wara gew il-pulizija u ipprocedu fuq ir-rapport illi ghamel Taliana.

B'sentenza moghtija fis-sitta (6) ta' Marzu tal-elfejn u tnax (2012) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghal hames (5) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn, kif ukoll issospendietlu l-licenzja tas-sewqan ghal sitt (6) xhur.

L-appellant dherlu illi kellu jappella minn din is-sentenza peress illi dana kien incident ta' darba u allura piena ta' habs, anke jekk sospiza, kienet eccessiva, aktar u aktar meta tqis illi l-appellant jahdem bhala warden.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti jidhrilha illi l-argument illi l-appellant huwa warden ma jistax jimmitiga fuvur tieghu – anzi l-oppost. Persuna ta' tali responsabiltà kellu jifhem sew x'kien se jwassal il-komportament tieghu, inkluz ir-raba' akkuza, serja, illi kien fil-kontroll ta' vettura meta ma kienx f'sitwazzjoni illi jaghmel dan. L-ewwel Qorti hadet dana kollu in konsiderazzjoni  meta waslet ghall-piena taghha, liema piena kienet fil-parametri tal-ligi. Bhalma ntqal fil-kawza "Repubblika ta' Malta kontra David Vella" fl-14 ta' Gunju 1999, "il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak fil-fatt."

Jirrizulta illi l-piena inflatta tidhol fil-parametri tal-ligi. L-ewwel Qorti ghamlet l-apprezzament taghha dwar il-fatti, tat ir-ragunijiet il ghala kellha timponi piena ta' habs

sospiza u din il-Qorti ma jidhrilhiex illi ghandha tiddisturba din id-diskrezzjoni la l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghal din il-konkluzjoni. Il-fatt illi dan l-incident ma regax irrepeta ruhu, ma jnaqqas xejn mis-serjetà tal-offiza tal-appellant, u l-ewwel Qorti kellha kull ragun illi timponi piena ta' prigunerija sospiza ghal sentejn.

Din il-Qorti ma thossx illi ghandha f'dawn ic-cirkostanzi tiddisturba d-deskrizzjoni tal-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi, taqta' u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------